MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tas-7 ta' Frar, 2013

Numru. 22/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Carmela Cini, ta' 38 sena bint Albert Camilleri u Maria nee' Muscat,**
**imwielda Pieta', nhar is-07 ta' Marzu, 1971, residenti fil-fond numru Mendchan, Triq l-Isqof Gargallo, Gharghur u 12, Flat 5, Qawra Point Crt, Blk A, Ras il-Qawra, San Pawl il-Bahar, detentrici**
**tal-karta tal-identita' bin-numru 139071(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmija **CARMELA CINI** li giet akkuzata talli nhar is-07 ta' Ottubru, 2009, gewwa Sunsweet Green Grocer, Triq Ghajn Qamar,

Xaghra, Ghawdex, ghal habta tas-siegha u nofs (13:30hrs) ta' wara nofsinhar;

a) Serqet Cash Register tat-tip Nova 4212PD b'valur ta' €466.00 ghad-detriment ta' Rebecca Camilleri, liema serq huwa aggravat bil-valur;

b) Ukoll talli fl-istess data, hin u cirkostanzi serqet €300 fi flus ghad-detriment ta' Rebecca Camilleri, liema serq huwa aggravat bil-valur;

Ukoll talli nhar is-07 ta' Ottubru, 2009, gewwa Triq Salvu Attard, Qala, Ghawdex, ghal habta ta' bejn is-saghtejn u t-tlieta (14:00hrs – 15:00hrs) ta' wara nofsinhar;

c) Serqet zewg qsari ghad-detriment ta' Anthony Satariano;

d) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi serqet diversi oggetti minn gewwa vettura KKK600 ghad-detriment ta' Barbara Bourne, liema serq huwa aggravat bi sgass, bix-xorta tal-haga misruqa;

Ukoll talli nhar is-07 ta' Ottubru, 2009, gewwa Triq Ta' Kassja, Qala, Ghawdex, ghal habta ta' bejn is-saghtejn u l-erbgha u kwart (14:00hrs – 16:15hrs) ta' wara nofsinhar;

e) Bil-hsieb li tikkommetti serq, ghad-detriment ta' Maria Portelli u Grace Abela wriet dan il-hsieb b'atti esterni billi tat bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' taghha, liema serq huwa aggravat bil-valur, u xorta tal-haga misruqa;

f) Ghamlet hsara li tammonta ghal aktar minn mija u hamsin ewro (€150.00) izda inqas minn elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1164.69) detriment ta' Maria Portelli;

g) Ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamlet hsara li tammonta ghal aktar minn mija u sittax-il ewro u sebgha w erbghin centezmu (€116.47) izda inqas

minn elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha w sittin centezmu (€1164.69) detriment ta' Grace Galea;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat in-nota tar-rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali tal-20 ta' Lulju 2010;

Semghet lill-imputata tiddikjara illi ma kellhiex oggezzjoni sabiex dana l-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputata liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti tata zmien sabiex tirrikonsidra l-ammissjoni taghha;
Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-ammissjoni, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputata hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghha;

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha li tigi nflitta, il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni tal-imputata, il-fatt illi l-imputata qed taghmel l-ghalmu taghha biex tirriforma hajjitha u li ser tikkompensa lill-vittmi ghad-danni subiti minnhom;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 261 (c) (g), 267, 278 (a), 284, 285, 263, 264, 271, 278 (1) (2), 280 u 281, 325 (1) (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghha u tikkundannaha ghall-piena ta' sentejn prigunerija li fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 28 A tal-Kapitolu 9, dan il-perijodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sentejn mil-lum;

Il-Qorti twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul iz-zmien operattiv ta' din is-sentenza;

Finalment, il-Qorti wara li rat l-artikolu 28 H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lill-hatja sabiex thallas lil

Rebecca Camilleri tliet mija u tlieta u tmenin ewro (€383), lil Anthony Sultana erbgha u ghoxrin ewro (€24), lil Grace Abela hamsin ewro (€50) u lil Maria Portelli hamsa u sebghin ewro (€75).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------